MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 155/2012

**Appell Numru: 155/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Angelo Zahra**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Angelo Zahra, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 751849M billi fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie akkuzattalli:

Bhala direttur tal-kumpanija Stratford Company Limited (C18483) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoniji

tal-Ligi u li gew maghmuli b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawnfuq imsemmi artikolu 23 naqas milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 ssib lill-imputata hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' elf Euro (€1000); peress li l-imputat m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta Stratford Company Limited, il-Qorti mhux ser timponi multa addizzjonali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-dispozizzjoniet ta' l-Atti dwar it-taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-28 ta' Marzu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Angelp Zahra hati ta' l-unika mputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-arti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' elf Ewro (€1000), timponi multa addizzjonali skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi hassu aggravat in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applizazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-appellant intavola l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-appellant jirrizulta mis-sentenza appellata illi ghalkemm l-appellant instab hati ta' reat ai terimini ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, inkwantu l-appellant kien direttur tas-socjetaċ Stratford Company Limited ghall-perjodi li fihom kien hemm in-nuqqassijiet ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet biss multa u nqaset milli timponi multa ohra addizzjonali ghal kull gurnata li matulha jkomli jissussisti r-reat, u dana kif jipprovdi l-istess artikolu b'mod tassattiv.

Illi dejjem skond l-appellant ir-raguni li tat l-ewwel Qorti il-ghaliex ma mponietx din il-multa addizzjonali fuq l-appellant skond il-ligi, hija manifestament zbaljata u legalment insostenibbli. L-ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt ma mponietx din il-multa addizzjonali "peress li l-imputat m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta' Stratford Company Limited". Bid-dovut rispett, dan ir-ragunament ta' l-ewwel Onorabbli Qorti huwa zbaljat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat kien Direttur tas-socjeta Stratford Company Limited illi naqset li tottempra ruhha ma l-obligi fiskali naxxenti mill-Kapitlu 372 tal-Ligijiet ta' Malta nkwantu d-denunzji kollha ghas-snin indikati fic-citazzjoni gew ipprezentati tardivament f'Awwissu, 2011 fil-mori tal-kawza. Inoltre, l-pagamenti li kellhom isiru ma dawn id-denunzji baqghu ma sarux. F'Awwissu, 2011 l-appellat rrezenja mill-kariga ta' Direttur u beda proceduri

ghall-istralg tal-kumpanija. B'Sentenza moghtija fid-9, ta' Marzu, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellat hati tal-ksur tar-regolamenti tal-Kapitlu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal multa ta' €1,000 u argumentat, *"Peress li l-imputat m'ghadux legalment jirrapprezenta lis-socjeta Stratford Company Limited, il-Qorti mhux ser timponi multa addizzjonali."* Dana huwa propju li gieghel l-Avukat Generali jinterponi dan l-appell peress illi dehrlu illi l-impozizzjoni a' multa addizzjonali kienet wahda tassattiva li l-Ewwel Qorti ma setghetx tinjora.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 23 (13) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal multi f'kaz ta' htija u filwaqt illi tindika l-parametri tal-multa u ta' prigunerija jew dik il-multa u prigunerija flimkien izzid, *"U multa ohra ta' mhux anqas minn €4 izda mhux izjed minn €23 ghal kull gurnata li matula jkompli r-reat wara li tinstab htija ....."*. Il-Ligi hija cara meta tuza l-kelma *"U"* u mhux *"jew"* fliema kaz allura darba tinstab htija, l-Qorti ghandha b'mod tassattiv timponi din il-multa addizzjonali, haga illi l-Ewwel Qorti naqset li taghmel. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun u t-talba tieghu timmerita konferma.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Angelo Zahra hati ta' l-unika mputazzjoni dedotta kontra tieghu, tikkonfermha wkoll fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' €1,000 u tibiddilha billi timponi multa addizzjoniali ta' €4 ghal kull gurnata li matula jkompli r-reat u dana skont id-dispozizzjoni ta' l-Artiklu 23 (13) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------